VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 107 tal-2017

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 497)

Ordni tal-2017 li Jwaqqaf l-Aġenzija dwar Visa u Residenza f'Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni huwa l-Ordni tal-2017 li jwaqqaf l-Aġenzija dwar Visa u Residenza f'Malta.

Tifsir.

2. F'dan l-Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; Kap. 497.

"l-Aġenzija" tfisser l-Aġenzija dwar Visa u Residenza f'Malta stabbilit b'dan l-Ordni;

"Ftehim tal-Aġenzija" tfisser il-ftehim kif previst fl-artikolu 7;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-investiment;

"Segretarju Permanenti" tfisser is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għall-investiment.

Twaqqif tal-Aġenzija dwar Visa u Residenza f'Malta.

3. Għandu jkun hemm Aġenzija, li għandha tkun magħrufa bħala l-Aġenzija dwar Visa u Residenza f'Malta li għandha twettaq il-funzjonijiet u dmirijiet tal-amministrazzjoni pubblika fil-materji li ġejjin:

(a) ħruġ ta' ċertifikati ta' residenza minn investiment u materji amminstrattivi oħra li jkollhom x'jaqsmu ma' individwi li jixtiequ jibqgħu jew joqgħodu għal żmien indefinit f'Malta jew Għawdex;

(b) taħdem u tikkollabora mal-Aġenzija Identità Malta fir-rigward tal-ħruġ ta' dokumenti tar-residenza minn investiment inkluż il-parteċipazzjoni fuq il-Bord Konsultattiv u fir-rigward tal-istampar ta' dokumenti tar-residenza;

(c) twaqqaf u timplimenta l-istrateġija tal-Aġenzija għal żmien qasir u fit-tul;

(d) tistabbilixxi aġenti akkreditati tal-Aġenzija;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(e) tikseb il-baġits operattivi finanzjarji tal-Aġenzija;

(f) twettaq kontrolli ta' diliġenza dovuta dwar l-applikazzjonijiet kollha;

(g) timplimenta u żżomm proċeduri operattivi ta' *standard* intern;

(h) timplimenta strateġija innovattiva ta' *Branding* Korporattiva;

(i) toħroġ iċ-ċertifikat indefinit ta' residenza u dokument ta' residenza f'waqtha;

(j) tagħmel intervisti ma' applikanti għall-Aġenzija hekk kif ikun meħtieġ;

(k) tibqa' aġġornata dwar skemi oħra ta' residenza internazzjonali minn investiment filwaqt li tiżgura li l-Aġenzija li tibqa' kompetittiva;

(l) tiltaqa', twettaq monitoraġġ u tmexxi l-Konċessjonarji tal-Aġenzija magħżula u tipprovdi lilhom l-appoġġ u l-gwida meħtieġa filwaqt li tiżgura l-konformità mal-kundizzjonijiet tal-ftehim fis-seħħ;

(m) toħroġ, tmexxi, tissorvelja u twettaq monitoraġġ tal-proċessi *Request for Proposal* fir-rigward tat-tkabbir u t-tixrid tal-Aġenzija b'mod internazzjonali; u

(n) dawk il-materji oħrajn li huma anċillari, inċidentali jew konsegwenzjali għall-materji stipulati fil-paragrafi (a) sa (m), kif il-Ministru jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien:

Iżda meta dawk il-materji, kif hemm f'dan is-subartikolu, jkunu jikkonsistu fi jew jinkludu l-amministrazzjoni jew investiment ta' fondi, il-Ministru għandu jagħixxi bi qbil mal-Ministru responsabbli għall-finanzi meta jkun qed jieħu l-imsemmija deċiżjoni.

Ministru responsabbli għall-Aġenzija.

4. (1) Il-Ministru responsabbli għall-Aġenzija dwar Visa u Residenza f'Malta għandu jkun il-Ministru responsabbli għall-investiment.

(2) Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għall-investiment għandu jissorvelja l-Aġenzija skont it-termini tal-artikolu 39 tal-Att:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda li s-Segretarju Permanenti jista' jiġi assistit b'dik is-sorveljanza minn Segretarju Permanenti ieħor skont il-proviso għall-artikolu 13(5) tal-Att:

Iżda wkoll li jekk Ministru, minbarra l-Prim Ministru, jassumi responsabbiltajiet għall-Aġenzija, is-sorveljanza tagħha għandha taqa' taħt is-Segretarju Permanenti ta' dak il-Ministeru.

L-Aġenzija tkun suġġetta għall-Att.

5. L-Aġenzija għandha tkun suġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-Att u għandha tkun regolata b'dawk id-dispożizzjonijiet.

Arranġamenti finanzjarji. Kap. 174.

6. L-Aġenzija għandha tkun regolata mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika kemm-il darba ma jkunx awtorizzat mod ieħor fil-Ftehim tal-Aġenzija bejn is-Segretarju Permanenti u l-Aġenzija, f'liema każ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-Aġenzija għandhom jipprevalu.

Ftehim tal-Aġenzija.

7. L-operat tal-Aġenzija għandu jitwettaq skont il-Ftehim tal-Aġenzija li għandu jiġi miftiehem bejn is-Segretarju Permanenti u l-Aġenzija.

Kap tal-Aġenzija.

8. (1) L-Aġenzija għandha tkun immexxija minn *Chairperson* Eżekuttiv li jkun responsabbli għall-prestazzjoni, il-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-Aġenzija skont l-Att u li jkun responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum tal-Aġenzija.

(2) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jkun responsabbli sabiex jipprovdi rakkomandazzjonijiet fuq applikazzjonijiet ippreżentati quddiem il-Bord wara li l-verifiki kollha ta' diliġenza dovuta jiġu mwettqa.

(3) Ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-Uffiċċju tal-Aġenzija tvesti fiċ-*Chairperson* Eżekuttiv.

Impjieg ta' persunal.

9. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att u ta' kull leġiżlazzjoni oħra, l-Aġenzija għandu jkollha l-awtorità li tingaġġa l-impjegati tagħha stess.

Struttura organizzattiva.

10. (1) Il-Ministru għandu jaħtar Bord ta' Diretturi u *Chairperson* Mhux Eżekuttiv.

(2) Il-Bord tad-Diretturi għandu jkun magħmul:

(a) mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru;

(b) uffiċjal mill-MIMCOL; u

(ċ) konsulent legali.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) Laqgħat tal-Bord għandhom jattendu għalihom il-Bord tad-Diretturi, iċ-*Chairperson* mhux Eżekuttiv tal-Aġenzija u l-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Aġenzija.

(4) Kull membru tal-Bord għandu jkollu d-dritt li jivvota waqt il-laqgħat tal-Bord u l-laqgħat għandhom ikunu ppreseduti miċ-*Chairperson* mhux Eżekuttiv.

(5) Ir-remunerazzjoni mħallsa lill-Bord tad-Diretturi għandha ssir skont l-Att u l-linji gwida stabbiliti.

Bord Konsultattiv.

11. (1) Il-Ministru responsabbli għall-Aġenzija jista' jistabbilixxi Bord Konsultattiv sabiex tirrevedi u tissorvelja l-eżekuzzjoni b'suċċess tal-proċessi u l-prattiċi tal-Aġenzija.

(2) Il-Bord għandu jirrevedi każijiet sottomessi għall-approvazzjoni finali u qabel il-ħruġ tal-karta tar-residenza u għandu japprova r-rakkomandazzjonijiet magħmula miċ-*Chairperson* Eżekuttiv.

Għamla tal-Bord Konsultattiv.

12. (1) Il-Bord Konsultattiv għandu jkun magħmul:

(a) miċ-*Chairperson* Eżekuttiv;

(b) miċ-*Chairperson* jew ir-rappreżentant tiegħu mill-Aġenzija Identità Malta;

(ċ) persuna nominata mill-Ministru responsabbli;

(d) membru tal-persunal mit-tim tad-diliġenza dovuta.

(2) Ir-remunerazzjoni mħallsa lill-membri tal-Bord Konsultattiv għandha ssir skont l-Att u l-linji gwida stabbiliti.

Jemenda r-Raba' Skeda mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

13. Fir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, minnufih wara l-partita "Aġenzija Malta Marittima" għandu jiżdied dan li ġej:

"Aġenzija dwar Visa u Residenza f'Malta	Sabiex teżegwixxi l-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-amministrazzjoni pubblika f'materji li jkollhom x'jaqsmu ma' ħruġ ta' viżi ta' residenza minn investiment u materji amministrattivi oħra li jkollhom x'jaqsmu ma' individwi li jixtiequ jibqgħu jew joqgħodu għal żmien indefinit f'Malta jew Għawdex.

".